# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, it-13 TA MEJJU, 1913. Nru. 64.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## CLIEM TA RAGEL!

Nixtieku li nistghu nonkxu b'ittri tad-deheb dan li sejjrin nieħdu milli chiteb, nhar l'erbgha li ghaddeŭ, lid-Direttur tal *Gazzetta di Malta*, il Commendatur Fonsu Galea; u nitolbuħ jaħfrilna jecc ma jirnexxilniex nakelbuħ mit-Taljan ghall Malti bir-rekka collha, chif nixtieku. Akraŭ:—

.................................................

.................................................

«Iżda, chiecu irrid ninkeda b'din il lakgha taghna biex infaccrec li ŭisk aħjar ghall Pajjiżna li tiġbor u tghakkad il ħeġġa taż-żghażaħ ta Malta, ħalli, imxierchin f'partit nazzjonali kaŭŭi, isemmghu id-drittijet u il privileġgi tal Poplu taghna, inchella tokghod tintilef f'articoli ta ġlied fuk il lsien Taljan, biex takbeż ghal dan ilsien u ftit jeŭ ŭisk tghid contra l'Ingliż u contra il Malti.

«Jecc hu minnu li il ghakda taghmel is-saħħa, imissna mela ncunu maghkudin flimchien, biex fl'aħħar ma niġux maghlubin minn dac li jiġri fil kima taghna ghar-Religjon u ghall Patrja, li geŭ hecc tajjeb imŭettka b'rieda t'Alla f'dan il Cungress Eŭcaristicu. Chienu jistghu fi żmienijet oħra, ma nghidx isiru, imma jingiebu il-kuddiem daŭċ ir-Regulamenti ta sacrificci ħorox ghall'impiegati iż-żghar, b'tâma hecc ċchejcna ta fejda ghall Poplu? Jidhirli li dan gej mil ghażż fil pulitica, li kieghda titħannen bl'articoli ta gażetti maghmulin biex jieħduha ma articoli oħra, bejn ŭieħed u ieħor ta li stess katgha, u collha maghġunin bil ħsieb li iduru jeŭ jakbżu ghal cull-ma jaghmel il Gvern, iżda mhux biex inibbtu il feddejja tad-Drittijet ta Malta. Hecc ucoll, chiecu il gażetti religjusi jindafru bejniethom u fil kasam taħħom ifittxu biss li inibbtu il feddejja tad-Drittijet tar-Religjon, f'lôc ma jitkâbdu minn haŭn u minn hinn *fuk il lsien* jeŭ fuk qŭistjonijet ta partiti, ma conniex nitħassru fuk in-nies li sicŭit kieghdin joktlu-ruħhom b'idejhom u fuk xi uħud minn ħutna li kieghdin jakalbu.

«Tħallili ghokla, jecc inti tŭaħħal f'moħħoc li jen ghandi xi ħiel ta mibeghda ghall lsien Taljan. Dan hu il lsien maħbub mil Maltin tal-pinna. Ghallmuhuli mindu cont tarbija, chif chienu ighallmuħ lil cull-ħadd fi djarna sa tlietin sena ilu: imma l'Ingliż, jaħtieġlec tghid mieghi, ma nistghux nghaddu minghajru. Mita ntaghtaŭ il premji lit-tfal ta li schejjel tal Gvern, tas-Sliema, jena sibt ix-xokka f'moxtha biex inħajjar ghat-taghlim tat-Taljan u tal Ingliż: u ta dan ghax ghandna bżonnu ghal bosta ħŭejjeġ—fost l'oħrajn, li m'humiex ta fejda ċchejcna, biex *nistghu nakbżu ghad-Drittijet taghna* kuddiem il Gvern tal Inghilterra, Drittijet u Privileġgi li chienu mŭeghdin ċar u tond lill missierijetna mill'Ingliżi mija u ghaxar snin ilu, mita tlabna u klajna li jidħlu huma ghalina; ghax aħna niftaħru li naghmlu sehem mis-Saltna ingliża, iżda nżommu dejjem il bixla ta nazzjon maltija u id-drittijet taghna. Ghandna bżonn ucoll tal Ingliż, biex il Maltin jistghu imorru ighixu il Californja, il Canada u l'Aŭstralja: iżda jibkghu iżommu hemm l'imgiba taghna u jibkghu dejjem ħutna, chif ŭissiena il *cugin taghna fil bghid*, Monsinjur Eymard, ta Valleyfield. Ghal hecc, tarġa, ma nistghux nghaddu minghajr il Malti, ghax dan *il lsien taghna* jisŭa mhux ftit biex nibkghu Poplu ghalina, maghżul mil popli l'oħrajn collha li f'cull żmien geŭ ħacmuna, bħalma siŭa biex żammejna dejjem sħaħ fil Fidi, li il Maltin—*mhux ta nies barbrin, imma ta nies ghorrief (filôsfi)*, chif sejjħilhom il Grisostmu—ħaddnu mita lakghu fuk ix-xtut taghna l'Appostlu (San Paŭl) ħieles mil gharka.

«Naħtieġu, mbaghd, il Malti biex nghallmu il Poplu (irrid nghid in-nies ħaddiema): u ghal-xejn inchellmuhom b'ilsien ieħor, jecc irridu li jifhmuna. In-nies tal-pinna u mghallmin tajjeb ghandhom il gażetti ta haŭn u ta barra, ghandhom il cotba taħħom bit-Taljan u bl'Ingliż: imma il Poplu ghandu bżonn ta cotba u gażetti bil Malti (biex niftehmu, mit-tajjbin); u hecc biss jista jirnexxilna, maghkudin ilcoll f'kalb ŭaħda u f'ruħ ŭaħda (chif conna fi żmien ir-Rebħa tat-Toroc u l'Imblocc tal Franċiżi), nakalghu il mixtieka *Costituzzjoni* u inżommu il jedd taghna li niġu irrispettati fil kima tar-Religjon u tal Patrja.

«Inselli ghalic.

«Alfonsu M. Galea.»

## Il Gjubleû.

L'isem tal Gjubleŭ hu gej mil chelma lhudija *Jabel*, li trid tfisser *Karn*, jeŭ *Tromba*, li biha chienet tigi imxandra ghand l'Israeliti is-sena tal Gjubleŭ; imma oħrajn jridu jghidu li hu gej mil chelma *Jebul*, ifisser *Rimi tas-siġar*, jeŭ *Frott*, la darba fis-sena collha tal Gjubleŭ il Lhud ma chienux jaħdmu l'art, mentri fis-sena ta kabel l'art chienet b'mirâclu tati frott ghal darbtejn. Iżda l'gharef Lhudi *Giuseppi* (Chittieb cbir mill'actar antichi) jifhem illi l'isem tieghu hu gej min *Jubal*, chelma li tfisser *Libertà* u *Maħfra*, ghaliex fis-sena tal Gjubleŭ chienet tinghata libertà lir-rsiera, chienu jitraddu il bêni mixtrija u chienu jiġu ingassati l'attijet li chien jcun fihom xi piżijet.

Mis-Santi Padri tal Cnisja taghna Cattolica, l'isem tal Gjubleŭ jigi imfisser *sena tal maħfra*, tar-rpos u ta ferħ l'actar cbir: San Ġlormu, infatti, jsejjaħlu: *festa l'actar solenni*, jeŭ *sena tal maħfra*; u Santu Ŭistin: *abbundanza cbira ta ferħ, bi cliem li ma jistax jitfisser, mnejn toħroġ l'icbar tgaŭdija.*

Imkaddsa ghalhecc tigi msejjha is-sena tal Gjubleŭ, tant ghaliex hi iccmandata mil Cnisja Cattolica, illi ghalhecc ghandha fiha il kdusija, chemm ucoll ghall grazzi l'actar abbundanti, li bihom in-Nisrani jitfarraġ ghall meriti tat-tajjbin u ghax-Xirca tal Kaddisin, chif ucoll ghall gid bla tarf, li hu ŭisk icbar u actar prezzjus minn dac li jgaŭdu chienu il Lhud fiż-żmien tal Gjubleŭ taħħom.

Is-sena tal Gjubleŭ chienet maghmula mn'Alla stess, biex fil Poplu Lhudi il ghâna ta ftit ma jcunx jaħkar lill'oħrajn collha; u biex

il bini u ir-raba li chienu moghtija lil cull *tribù* fl'eŭŭel kasma li saret tieghu, jibkghu dejjem fejn chienu.

Il ghorrief ma ftehmux bejniethom fuk dac li ġaghal il Cnisja imkaddsa taghmel il Gjubleŭ; xi uħud ippretendeŭ li il Cnisja taghna ħadmet u ghamlet il Gjubleŭ biex timxi fuk dac li chellhom il Lhud: imma oħrajn jifhmu li, chif l'imkaddsin Papiet taghna ureŭ dejjem premura l'iżjed cbira biex jibdlu il ghamil fieraħ tal Gentili fiċ-cerimonji imkaddsa tar-Religjon taghna Cattolica, hecc ucoll, biex jneħħu it-tifchira tas-sena *superstizzjusa*, li il Gentili Rumani chienu jissolenniżżaŭ cull mit sena, daħħlu is-sena imkaddsa tal Gjubleŭ, u żejjnuha b'indulgenzi cbar u bla ghadd.

L'eŭŭel Papa, li ghamel u ordna il Gjubleŭ, chien Bonifacju Tmienja, fis-sena 1295, li stabilixxa u iccmanda li ghandu il Gjubleŭ jigi imkaddes mill'insara darba cull mit sena; u dan l'eŭŭel Gjubleŭ chien sar fl'1300. Imma, billi hi ħaġa râra li il bniedem ighix mit sena, il Papa Clementi Sitta, fl'1345, giebu li isir cull ħamsin sena. Il Papa, imbghad, Urbanu Sitta ried illi isir il Gjubleŭ cull *tlieta u tletin sena*, b'tifchira tat-tlieta u tlietin sena li ghâx Sidna Gesù Cristu. Fl'aħħar nett, il Papa Paŭlu Tnejn, billi ra chemm ksaret il ħajja tal bniedem, raġa kassar iż-żmien tieghu, u ghamlu ghal cull ħamsa u ghoxrin sena, sabiex cull bniedem jista fi żmienu jirbaħ mil cotra hecc cbira tal indulgenzi tal Cnisja Cattolica. Din id-draŭŭa hecc imkaddsa giet imŭettka b'Bolla tal Papa Sistu Erbgha fis-sena 1473, u issoctata imbaghad mil Papiet collha, li geŭ ŭarajh. Min jixtiek jcun jaf il gid collu tal Gjubleŭ ghar-ruħ minn taghna,u jitghallem chif,b'liema pattijet u b'liema ghamil jirtebah, hemm bżonn li jakra l'opra li fuk il Gjubleŭ chiteb u stampa il gharef Dun Pietru-Paŭl Psaila D.D., li chien Canônku tal Catidral, Professur tat-Teologija Dogmatica fl'Università taghna u Prelat tal Papa. (*)

W.

## Il Processionijet.

(*Jissocta mal ghadd 61*)

Fil ħarġa 61, tchellimt maghcom mil processionijet tal Kabar ta Cristu, illum nibda nghidilcom xi ħaġa mil processionijet li isiru geŭŭa Lourdes.

L'eŭŭel processioni gŭappa geŭŭa Lourdes saret fl'4 ta April, 1864, dac in-nhar li tkeghdet fil ghar ta Massabielle il vara famusa ta Sidtna Marija: vara tar-rħam abjad ta Carrara, bil faxxi celesti f'nofsha, u b'curuna f'rasha b'din li scrizzjoni: *Je suis l'Immaculé Conception*; jigifieri: *Jena il Concezzioni Immaculata.*

F'din il processioni imxeŭ, kuddiem nett, ktajja ta suldati liebsin bil cbir, ghal chif. Ŭrajhom cont tara il cumpaniji collha ta Lourdes, cull ŭaħda bil bandiera taħħa, bis-salib u il lanterni. Imbaghd, daks 400 kassis; il canonici ta Tarbes u Monsinjur Iskof.

B'collox collox, chien hemm fil processioni minn 50 sa 60 elf ruħ. Daŭc nies, imbierec Alla, mhux bħal fil processionijet taghna, l'actar tat-Titulari, xi drabi, gharucaża, isiru bi fratell u nofs. Il biċċa il cbira u la icun hemm min jarfa li standard u ankas is-Salib tal Cumpanija, u ankas xejn. Gesù-Marija, f'hiex gejna, f'hiex ŭasalna!

(*) Monsinjur Psaila—minn ħal Kormi—ghandu ctieb fuk it-Teologija ( *Casuum Episcopo Melitensi riservatorum expedita explanatio* ) imsemmi mad-dinja; u fi żmienu ma chienx ħaŭn Prelat ħliefu.

ID-DIREZZJONI.

Imissna nisthu mill' art li nimxu fukha! Ma darix hecc! Inrabbu il ghakal u nibdeŭ mil ġdid naghmlu il processionijet ftit sura.

Fil processioni ta Lourdes li keghdin nitchellmu minnha, chien hemm mużica sħiħa b'li sturmenti u cant l'actar ħelu.

Imbaghd, fis-sena 1868, saret ucoll f'Lourdes processioni oħra ta disa' mit ragel minn Bayonne: fis-sena 1872, saret processioni oħra ta iżjed minn elf ruħ Vandeesi; fis-sena 1874, saret processioni b'400 ruħ mid-djocesi ta Rodez.

Imbaghd, fis-sena 1875, saret geŭŭa Lourdes processioni famusa sħiħ, gŭappa ghall'aħħar. Biż-żejjed nghidilcom li iltakghu fiha 9,000 ragel minn Bayonne, 3,400 minn Carcassona, 2,700 minn Perigneux, 7,500 minn Auch, u iżjed minn 20,000 minn Tarbes.

Ŭara xi żmien, saru ucoll geŭŭa Lourdes żeŭġ processionijet mill'akŭa, sollenni ferm. Ŭaħda nhar il Consagrazioni tal Bażilica u oħra nhar il festa tal Incoronazioni tal Madonna.

Nghidilcom chelmtejn fuk il processioni tal Consagrazioni tal Bażilica u ghal 'llum biż-żejjed. Fis-7 ta fil ghodu, telket fost id-dakk doblu tal kniepel processioni l'iżjed gŭappa ghall Bażilica. Kuddiem nett, mexa is-Salib, urajh żeŭġ fillieri ta kassisin b'li spellizza, li ma chienu jispiċċaŭ katt: urajhom, il canonici barranin bil ħŭejjeġ tal côr. Imbaghd, kassisin bil cappa ħamra, jarfghu it-tron tar-Reliqŭiji, il canonici ta Tarbes bil lbies taghhom, id-Dinjitari bil cappa, l'Arciskfijet u l'Iskfijet li chellhom jicconsagraŭ l'artali, bil cappa, bil baclu u bil mitra, cull ŭieħed bl'assistenti mieghu u b'xi chiercu jarfghalu ħŭejjġu. Żeŭġ mazzieri tal Papa. Il Cardinal liebes gala bi tnejn ma dŭaru bit-tonicelli bojod, ŭieħed b'li spellizza iżommlu il curcar u tliet cappillani bis-suttana u il firiol. Erbgha minnies oħra jarfghulu l'insinji tieghu. Cont tilmaħ ucoll f'dic il processioni bosta Prelati, Protonotari Apostolici, Camrieri Segrieti,Camrieri d'*onore*, Camrieri tal *cappa* u *li spada* u ŭisk oħrajn.

Din chienet bejn ŭieħed u ieħor il processioni tal festa tal Consagrazioni tal Bażilica ta Lourdes.

Darb'oħra, jecc Alla irid, nitchellem maghcom miż-żeŭġ processionijet li isiru f'Lourdes, actarx cull jum, fi żmien il pellegrinaġġi.(*)

DUN XAND CORTIS, D.D.

(*) Daŭn il processjonijet bakghu jissemmeŭ ghall cobor taħħom u jinsabu imfaccrin f'li *Storja ta Lourdes*: u xi nghidu ghal dic li chellna aħna fis-27 t'april? Icun imbierec Alla! Iżda mita nerġghu naraŭ bħalha?!

ID-DIREZZJONI.

## Il Cnisja tal Mosta
### U IL FRAMMAŻUNI.

«Ħames t'imiel boghd minn Valletta, u fil korob fin-naħa tal limin mit-triek li tieħdoc li Mdina, Coppla sabiħa ta leŭn safrani aħna nilmħu. Din hi il Cnisja tal Mosta!... X'ħin nokorbu lejha, nintebħu li hi xi ħaġa cbira!—Ŭieħed ħabib, li jaf x'ighid, fissrilna illi din il Coppla mil cobor hi it-tieni jeŭ it-tielet ŭaħda fost l'iżjed coppli ŭesghin tad-Dinja.

«Minn tliet t'ibŭieb cbar, taħt setaħ mibni fuk il colonni, nidħlu geŭŭa,.... chif immiddu riġlejna il geŭŭa mil ghatba, hu biż-żejjed biex inebbaħna li dina il Coppla hi tas-seŭ cbira u li tghaġġeb!

«Biex niftehmu: il Cnisja hi maghmula circu cbir li fiħ *erba' mija u erbghin pied* mad-daŭra, u fuk iċ-ċangar taħħa tar-rħam hi imtellgha il Cnisja bil Coppla fukha, li hi ta bini sħiħ u kaŭŭi, collu mibni mil ħila tal pajżani ghall'*Imħabba u ghall kima t'Alla.* Ghalhecc l'Architett, il bennejja, il bakkunieri, il manŭala, tellghu dic il cbira Cnisja, żejjnuha bit-tinkix, bid-deheb, bit-tpingija fuk il ħitan u fuk l'inqŭatri: il biċċa il cbira minnhom minghajr ħlas, anzi ghenu bosta bi flushom ghal dac li ma setghux jaghmlu b'idejhom. Daŭna huma tas-seŭ *liberi bennejja* (*franchi muratori*)!— Aħ! imsejcnin inthom tal fardal u tal ingŭanti, ja karriekin imżejjnin bix-xbiħet ilekkghu tal frammażuni, li tixterdu u tiggerreŭ ma cull imchien, biex tħassru li stoncu taghcom, tonfku lira bluha biex taghmlu xelin carità!— Morru hemm il Mosta u ħarsu lejn dic il Cnisja mibnija ghall'*Imħabba t'Alla*. Erfghu ghajnejcom lejn il maêstus ghôli taħħa, staghġbu b'daŭc il ħitan sħaħ bħassŭar, illi fukhom ħelu-ħelu tinghalak fil ghôli b'sengha tal ghageb.— Hemhecc ma issibux sakaf tal ghuda, iżda collox ħaġar, mghakkad collox ghamla mastizza, bħal ħaġa ŭaħda.

Imxu maħħa daŭra mejt u kisuha; imbaghd, jekfu f'nofsha; u, jecc tistghu,inxteħtu ghar-rcopptejcom, hemm itolbu biex icollcom is-setgha li teħilsu mil bluhat taghcom, u biex issiru *franchi bennejja* bħal daŭna il bennejja (Mostin), u li taghmlu xi ghamil fid-dinja ghall'*Imħabba t'Alla* (u mhux biex tħassru u iġġarrfu biss il ħŭejjeġ t'Alla).

Meta din il Cnisja chienet tielgha kajlakajl u il ghôli taħħa sebak il bjut tad-djar tal Mosta, Inginier ingliż mill'akŭa mar jaraha. Hu chien ghamel pont mill'icbar ghall vapur tal art, fuk xmara, li fiħ intefku żeŭġ miljuni liri sterlini; *Oħ, imsejchen poplu*, kâl, fil ŭakt li bi ħniena chien kieghed iħares lejn daŭc il ħaddiema pajżani, *ma jistax icun li huma isakkfu u ighattu dac il ŭisa hecc kaŭŭi, ma jaslu katt biex ighattuha.*

Dac il bniedem, ta raj cbir, chien ghamel bosta opri fil ħajja tieghu; iżda hu chien ghadu ma stħarreġx li jaghmel ħaġa: u dina chienet ghamil li ghal-chemm jidher li ma jistax isir, mita isir ghall'*Imħabba t'Alla*, isir ħafif biex jinghamel (u jinghamel bħall Cnisja tal Mosta).

Hu (l'Inginier) ghall'imħabba tal bniedem u ghall'imħabba tal fama tieghu,chien ta gieħ tajjeb u saħħ f'ghamil cbir, illi laħħak sat-truf ta dac li jista isir, iżda sabiex jistghall miż-żmien u mid-dehen tieghu ghal-l'*Imħabba t'Alla* chien isib-ruħu ŭisk ċchejchen, u ma jistax jifhem lilu in-nifsu, seŭseŭŭa chif chien iħoss stcherriħ minnu, ghax tonksu is-setgha li jaghmel dac li ma jistax isir.

SER GULIERMU BUTLER,
*li chien General u Gvernatur fl'Africa.*
(Migjub bil Malti mil *Catholic Times*).

## L'AHHAR ERBGHA TAL UDIENZA.

Dejjem cbira din ix-xhieda ta kima u imħabba li tati il Belt bi ħġarha lill Sidtna Marija fis-Santŭarju taħħa (il Bażilica tar-Reverendi Patrijet Carmlitani): imm' is-sena ghalbet lilha infisha, ghal bosta ħŭejjeġ li iltakghu flimchien biex iżjed icabbruha. L'eŭŭel nett, l'Eccellentissimu Monsinjur Raiti, li baka ħaŭn Malta biex jaghmel din il festa: u mhux biss li tâ hu il Benedizzjoni, mghejjun mil Provincjal u mil Pirjol, li ghamlulu ta Ministri u libbsuħ fuk it-Tron; imma ghamel Pontifical, bil ghajnuna ta tliet Canonici tal Catidral, il Monsinjuri Professur Dun Ŭiġ Farrugia, DD., Dun Frangisc Ferris, DD., LL.D. u Dun Paŭl Galea, J.C.D., immexxijin miċ-Cerimunier Djocesan, Dun Ġŭann Gaŭci,DD.,M.A. Mon-

jaħbat ħażin, actarx jinzerħa l'aħħar kaddej, ghax l'imsejcna, xħin titlef is-sabar, tibka biex tŭaddablu ghal rasu felli kàra aħmar li icollha mŭaħħal mal coxxa tal bieb;—tibghat ghand xi ħadd jistaksi minn ghandu ghall bejħ kniežaħ tan-nemûs, sakajn tas-sallur, jeŭ demm tal karnit;(1)—tibghat ittra mal Posta, fejn dac li icun tgharrfu u tħabbru li laħak xi ħaġa, u ma icun minnu xejn,(2)ghalavolja tista tcun mictuba b'dehen u ghakal cbir.

Id-draŭŭa li jinbaghtu f'dan il jum ħafna bxajjar tad-daħc u ta cliem b'ieħor hi imxerrda mal Eŭropa collha.

Fi Franza, meta dac li icun jidħcu biħ fl'eŭŭel ta April, isejjħulu *Poisson d'Avril*;—fl'Inghilterra, *April fool*, — fl'Italja, *Pesce d'Aprile*;—fi Scozja, *Gowk*.

Fil Persja, din id-draŭŭa, li fl'eŭŭel ta April jidħcu bin-nies, hi kadima ŭisk. Fl'Indja, dan il jum jaghmluħ il 31 ta Marzu: dac ghalihom ghors cbir u isejjħulu *Huli Festival*.

II.

LABSI.

Nhar Labsi, il Maltin iħobbu imorru f'xatt il baħar.

Ŭara nofs in-nhar, il Port il Cbir, u l'iżjed il Calcara, icun fihom dakka ta ghajn mill'isbaħ. Côtra cbira ta dghajjes, imżejjnin ferm u mimlijin bin-nies, tilmaghħom jibbordjaŭ u iduru minn xatt ghal ieħor. Cull-ħadd actarx, dac in-nhar, jilbes l'eŭŭel darba il lbies tas-sajf, bħallichiecu biex juru li dieħel żmien il ghomma.

Xi uħud minnhom jibkghu jixxalaŭ fuk iddghajjes, ighannu u idokku il chitarri u l'orgnijet tal idejn, ŭakt li oħrajn jinżlu fuk xi blata dellija krib il baħar, u hemm jifirxu l'ichel li icunu ħâdu maghħom, u jaghmlu il fâtra fost l'actar hena u ghalanija.

Ghall ħabta ta ghejb ix-xemx, ŭara li icunu xorbu xi żeŭġ fliexchen inbid oħra, jibdeŭ jaħsbu biex jinġabru lejn djarhom; u suk, ghax dâlam.

Fir-rħula, nhar Labsi, jarmaŭ il bandla. Tista tghid f'cull raħal, ktajja ta nisa u tfâl tilmaħhom jitbandlu flimchien u ighannu bl'isbaħ hena.

Di'l ħaġa ŭieħed jista jaraha ucoll il Buschett, fejn nhar Labsi bosta Rabtin, Dinglin u Kriema imorrulec ikattghu saghtejn; u dac il ghana ta ħafna żghażaħ jidŭi addoċċ kalb daŭc is-siġar tal Buschett, icun fiħ ghors u ghaxka tas-seŭ.

Ma nistghux nghidu li ghala in-nies ta pajjiżna, nhar Labsi, imorrulec fi xtut il baħar u jaghmlu il bnadal ħlief ghaliex bużnannijietna chienu imdorrijin jaghmlu hecc.

Dun Giużepp Farrugia,
*Cappillan.*

(1) Ghadni niftacar li, mita chelli xi ħdax il sena, Kassis ċajtier baghtni nġiblu middar tal Cappillan *ir-Reliqŭja ta San Michiel*; u il Cappillan (chien l'imsemmi Dun Ġŭann Borġ, li miet Penitenzier tal Catidral), biex icompli iċ-ċajta, sârrli f'ħafna gażetti kodma biċċa ħatba ħoxna, baghtni biha ghand il Kassis u kalli: Isa, malajr, mur ħudhielu u ghidlu ibusha ghaliha ucoll!

(2) Il *Habib* jaf ŭieħed, tal Korti, li ghamel *erbgħa ħoxnin* minn daŭn: u ghamilhom lil *nies mill'eħxen*.

Id-Direttur.

Mil Lucerna tal Hajja.—55. U min ma mietx? Il ghâni, il gharef, is-sabiħ, il kaŭŭi, ix-xalatur, il ħażin?...

FRAC TAD-DEHEB.

Il ħbieb li jitfanstu ma isirux ghedeŭŭa: kishom gharus bil gheddum mal gharusa.

IL MEŬT NISRANIJA

**tal Cbir Chimicu Ġampatist Dumâs.**

Nisthajjlec tghidli, Sur Direttur, xi tridhom il Cbarat franċiżi? Jena inŭieġbec li il Cbarat u l'oghla fost in-nies huma daŭc li b'gherfhom ghamlu ġid lill ghajrhom, lill patrja u lir-Religjon taħhom. Il Chimicu Ġampatist Dumâs hu ŭieħed mill'akŭa ghorrief li chellha Franza: daks chemm ħâdem ghomru u żmienu ghall ġid ta ghajru, u ghamel unur lir-Religjon imkaddsa taghna, l'actar hu baka jissemma fuk dan. Chiecu jara pajjiżu illum f'hiex jinsab! Franza li hi ŭaħda mil Potenzi il cbar, ŭaslet (ighidu in-nies politici taħha) fl'aħħar grad tal hena ta dina id-dinja, ma tibża minn ħadd.

Franza mis-sena 1884 ll'haŭn (sena li fiha ħarġet il Lìgi tad-Divorzju) tilfet (ighidu l'ghorrief) ŭisk ictar tfal milli tilfet suldati fil gŭerer li chellha fiż-żmenijet ta Napuljun.

F'Parigi, xi Tobba minghajr biża u mistħija kieghdin jużaŭ il bisturì contra il ghejjun tal ħajja, kieghdin isiru delitti li jaghmlu ghajb lill gharab. Araŭ f'hiex giebu il pajjiżhom daŭc il Cbarat ghedeŭŭa tar-Religjon taghna. Haŭn sejjer indaħħal ħaġa f'oħra, biex cullħadd jifhimni. Divorzju jigifieri Lìgi maghmula contra il Cnisja mkaddsa, insult lill fidi cattolica, u ereżija. Il Cnisja tghid u taghllem—*Quod Deus conjunxit homo non separet*; dac li Alla ghakkad ma jistax jifirdu il bniedem. Il Lìgi tad-Divorzju trid ixxerred li iż-żŭieġ jista jinħall—u ghalhecc tghallem il cuntrarju ta dac li trid il Cnisja imkaddsa. Trid, f'chelma ŭaħda, li il miżżeŭŭġin jistghu jinghażlu u jinħallu minn xulxin u jecc iridu jinaghkdu ma ħadd ieħor. Dana hu id-Divorzju.

Ġampatist Dumâs tŭieled Alais, fil Guard (*Alais* belt principali tal Guard, fin-nofs innhar ta Franza), fil ġurnata 14 ta Lulju 1800; chien bniedem minn daŭc il ftit li Alla jatihom dehen cbir u rieda sħiħa, biex iħabircu u igibu il gherf il-kuddiem. B'ħeġġa tal ghageb, ħabrec fit-taghlim collu: iżda ħabb l'ictar il Chimica u studja flimchien ma Prevost u ma Candolle, tnejn mill'akŭa ghorrief. Ta ghoxrin sena, telak, fis-sena 1821, lejn Parigi, fejn dâm Professur mis-sena 1823 sas-sena 1848, u daħal socju fi tliet Accademji (tal gherf, tal medicina u tal franċiż); fis-sena 1832 daħal fl'*Accademja tal ghorrief* u fis-sena 1868 sâr Sigretarju taħħa ghall ħajjtu. (Accademja tfisser *Gemgha ta nies ghorrief* inchella *ta Artisti*: lôc fejn jiltakghu flimchien). Fis-sena 1876, laħak minn f'lôc Guizot fl'*Accademja Franċiża*, (Guizot chien ŭieħed mill'akŭa Cbarat tal Gvern). L'*Accademja ta Franza* ighidulha il *Gemgha ta daŭc li ma imutux*, jigifieri li jibkghu jissemmeŭ ghall gherfhom; icunu ta ghadd ċchejchen; jecc niftacru tajjeb, *sebghin biss*; u icollhom *salarju ebir mil Gvern* ghall'onur li jaghmlu lill Franza.

Dun Pier Battista Agius,
(*Jissocta*) *Cappillan ta ħ'Attard.*

**Minn haŭn u minn hinn.**

** Chif il Benedittini Anglicani (protestanti) tal Gżira ta Caldey saru Cattolici:—Chienu josservaŭ ir-Regulamenti ta San Benedittu, barra milli ma jemmnux bil Papa. Ghaddeŭ ir-Randân tas-sena 1912 f'talb kaŭŭi biex Alla jatihom id-daŭl, kalb studju continju fuk id-difficoltajet biex jersku lejn il Papa. Fit-18 ta Frar li ghadda, intakghu, cull ŭieħed jakra lill'oħrajn id-deċiżjoni li gietu.

Sâbu-ruħhom fis-sustanza ta fehma ŭaħda. Fid-19, sebgħa u ghoxrin Patri iffirmaŭ ittra ghall'Iskof protestant ta Canterbury, u kalulu li, scond il cunxenza taħhom, ma jistghux jibkghu fil Cnisja Ingliża (protestanti).

Saret l'eŭŭel kuddiesa fit-28 ta Frar, il Gimgha tal Hames Piaghi (ta Cristu). It-tnejn ta Marzu, il Papa baghat dan it-Telegramm: «Nibghat b'kalbi collha il Barca lill Merħla convertita, nitlob ll'Alla li ixerred fukhom bil cotra cull grazzja tieghu.»

Tlifna il Maŭrin u il Falzun: imm'Alla sama it-talb taghna, u tana 27 Patri u 37 Soru, li fetħu ghajnejhom ghad-daŭl tal Cattoliċiżmu.

** L'Università ta *Notre-Dame* tâti cull sena lill'iżjed American bravu medalja imsejjħa *Laetere Medal*. Hâdha din is-sena id-Dottur Carlu Giorgju Herbermann, Câp tal *Enciclopedija* Cattolica.

** Fis-Seminarju ta *San Sulpicju*, Parigi, hemm jistudjaŭ it-Teologija ħafna ġuvintur li chienu Fizzjali (tal baħar u tal art), Avucati, Banchieri, Professuri, Ġurnalisti, Artisti u Inġinieri.

** Il gażetta lhudija, *Emanu-El*, ma giebitx articlu li baghtulha contra li Stituti Cattolici. Kalet: «Ma nixtiekux li naghmlu il flus b'din il maniera, u ma natux rŭieħna ghal dan ix-xoghol mokżież. Il Cattoliċiżmu fl'America ghamel ŭisk gid fil carità u fl'educazzjoni; u li Stituti jinsabu immexxijin tajjeb ferm.»

** Il gażetta, *Domani*, ta Modena (belt tal Italja) infamat is-Sorijet ta li Sptar: u fit-28 ta Marzu chellha tibda il caŭża il Korti ta hemm: iżda l'Editur ta dic il gażetta talab scuża u ħallas li spejjes collha li chienu saru.

A. A.

Fit-talb taghcom ll'Alla, la tinseŭx l'erŭieħ gheżież u imbierca:

**tar-Rev. Canônu Dun Anton Vella,**

li miet, daŭn il ġranet, b'marda kalila. Chien Sacerdot mill'aħjar, Predicatur imsemmi u Confessur imfittex mil ġuvintur tal Università u tal Liceo, li chien jaghmel sacrificci cbar ghalihom u huma chienu iħobbuħ bħal missierhom. Chien ucoll chittieb tajjeb bit-Taljan u ħalla bosta poeżiji sbieħ. Ma nafux fuk liema kabar jista jinchiteb aħjar minu fuk tieghu: *Chellu kalb ta Anġlu!*

**tas-Sur Ghejtanu Lanfranco, P.L.,**

li miet, haŭn il Belt, il gimgha l'oħra, u chien ilu sejjer ix-xhur l'ura, ghad li baka jaħdem sal aħħar. Dan ucoll chien chittieb mill'actar imsemmijin u ħallielna ħafna Sunetti ta min jiġborhom fi ctieb. Bħala Procuratur Legali fil Krati ta fuk, chien ta ħeġġa u ta prâtca tant cbar, li chienu jieħdu il pariri tieghu li stess Avucati. Chien iħobb il Pajjiżu u chien ħabib li cont tista tiftaħ kalbec mieghu.

**tas-Sinjura Carmela Carabez,**

li mietet, tas-Sliema, nhar l'erbgħa li ghad deŭ, ta 52 sena biss: chienet omm ta disa' ulied (fosthom is-Sacerdot Dun Manŭel, ħabib ghażiż taghna) li rabbiet fil biża t'Alla, ħsiebha dejjem id-dar u il Cnisja, mifruda ghal-collox mil frughat tad-dinja. Chienet mara seŭŭa u ta min jitħassarha.

Alla jati il Genna lil daŭn it-tliet irŭieħ tajjba u is-sabar lil nieshom.

Id-Direzzjoni.

MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

TAHBIL IL MOHH.

Chif tkassam in-numri 1,2,3,4,5,6,7,8,9, biex, mita tissommahom, igibu mija seŭŭa?...

Michele Farrugia.

L'aħħar *Loghba* chienet:

*Ma-r-fa*, Marfa.

Giebuha tajjeb: mil Belt, is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri *Bunfus*, G. Attard u L. M. F.—u minn Ghaŭdex (*ir-Rabat*) C. A. u (*San Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima.